MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2009

Numru. 297/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEITH ARNAUD**

**KONTRA**

**JANIS CARUANA, ta' 23 sena, iben Alexander u Mary nee' Debono, imwieled Tal-Pieta' nhar it-22 ta' Novembru, 1985, residenti fil-fond numru 7, Triq San Patrizju, il-Belt Valletta, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 577785M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **JANIS CARUANA**, li gie akkuzat talli:

1. Nhar is-6 ta' April, 2008, ghall-habta ta' 00.15hrs, gewwa Triq D'Argens, il-Gzira, bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni

tad-delitt, meta ttanta jisraq minn gewwa l-fond bl-isem Savoy Petrol Station(mill-garage) li jinsab fl-istess triq a detriment ta’ Louis Pace mill-Hamrun, liema serq, li kieku sar, kien ikun aggravat bil-mezz, bil-valur liema valur ma jeccedix izjed minn elf lira Maltin u bil-hin, liema delitt ma sehhx minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu, dan bi ksur tal-Artikoli 41(a), 261, 263(a), 267, 270, u 279(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

2. U aktar talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volotarjament kkaguna hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, ghad-dannu tal-istess Louis Pace, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu(€116.47) u dan bi ksur tal-Artikolu 325(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, f’diversi nhawi madwar Malta, saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAK 645 ta’ l-ghamla Peugeout, meta ma kienx kopert b’polza ta’ assigurazzjoni b’riskji ghal terzi persuni u dan ai termini tal-Artikolu 3(1) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li fl-istadju ta’ interrogatorju kien irregistra ammissjoni ghall-akkuzi dedotti kontra tieghu.

Illi in vista ta’ tali ammissjoni u ghax il-Qorti anke ad occhio fehmet gia x’kienet il-problema affligenti lill-istess akkuzat, gie ordnat u redatt *Pre-Sentencing Report*.

Illi din il-Qorti fil-fatt damet ghal tul ta’ zmien biex ghaddiet gudizzju fuq l-istess imputat u dan ghax anke kif kienu tal-fehma l-istess partijiet, bhala, illi kien ikun ferm idoneu ghal-istess Caruana li huwa jitqieghed go programm residenzjali biex johrog mill-problema tal-vizzju tad-droga.

Ghalhekk il-Qorti semghet ghal diversi drabi lir-rapprezentant tal-Agenzija Sedqa b’mod partikolari lil Jeanne Cali, u ghalhekk gie fformat pjan ta’ *modus operandi* fil-konfront ta’ l-istess Janis Caruana, biex wassal ghall-ghoti tas-sentenza.

Illi in vista ta’ l-ammissjoni u wara li rat l-Artikoli 41, 261, 263, 267, 270, 279, 325 u 17 tal-Kapitolu 9, kif ukoll l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Dwar il-piena rat l-Artikolu 28A u 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja ta’ tmintax(18)-il xahar sospizi ghal erba’(4) snin, kif ukoll ghal ordni ta’ supervizjoni ghal perjodu ta’ tmintax(18)-il xahar taht is-supervizjoni ta’ Trevor Calafato u Jeanne Cali, b’dan illi l-istess Janis Caruana ghandu jibqa’ b’kunatt strett ma’ l-istess Ufficjal ta’ Supervizjoni b’dan illi l-istess Janis Caruana ghandu jzomm il-kuntatt lilu ordnat kuljum ma’ l-Agenzija Caritas, cioe’ il-programm ta’ erba’ gimghat tal-gruppi. Wara li jispicca dan il-programm huwa ghandu jibda programm residenzjali ma’ l-agenzija appozita u jobdi dawk id-direttivi lilu moghtija mill-Ufficjal ta’ Supervizjoni u l-istess ufficjali tal-agenzija.

Il-Qorti qieghda wkoll timmulta lil Janis Caruana s-somma ta’ €2,330, u tissospendieh milli jkollu jew izomm licenzji tas-sewqan ghal sena(1) mill-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------